**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-KUMMERC)**

| | |
|---|---|
| Gudikant | **ONOR. IMHALLEF IAN SPITERI BAILEY** |
| Seduta Numru | |
| Rikors Numru | **100/2024** |
| Numru fil-Lista | **36** |

**ATTARD RICHARD**
**vs**
**IR-REGISTRATUR TAL-KUMPANNIJI**

---

**Illum L-Erbgħa, 20 ta' Novembru 2024**

Meta ssejjah ir-rikors deher ir-rikorrent assistit mill-Av. Andrew Grima u mill-Av. Charmaine Cherrett.

Dehret ukoll l-Av. Claudette Fenech ghar-Registratur intimat.

L-Av. Claudette Fenech ghar-Registratur intimat tiddikjara illi minkejja illi r-Registratur ma dahhalx risposta, b'danakollu ma hemmx oppozizzjoni ghat-talbiet illi qed isiru.

Inghata provvediment -

Il-Qorti:

Rat ir-Rikors ta' Richard Attard tat-8 ta' Novembru 2024;

Rat id-dikjarazzjoni tad-difensur tar-Registratur intimat;

Peress illi tqis illi t-talbiet imressqa huma gustifikati;

Qeghda ghalhekk tilqa' t-talbiet hemmhekk maghmula u:
i. Tiddikjara u tordna li jezistu ragunijiet validi bizzejjed sabiex, ai termini u ai finijiet kollha tal-Artikolu 275 (1) tal-Att dwar il-Kumpanniji (Kapitolu 386 tal-Ligijiet ta' Malta), tigi differita d-data, ossia s-26 ta' Novembru 2024, li fiha l-isem tas-socjeta' Newco Steel Limited (C-11310), ghandu jithassar mir-Registru tal-Kumpanniji ghal dak iz-zmien li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq u opportun,

liema zmien preferibilment ma ghandux ikun qabel tal-inqas diversi snin ohra, ghar-ragunijiet imsemmija f'dan ir-rikors;

ii. Tiddiferixxi d-data, ossia s-26 ta' Novembru 2024, li fiha l-isem tas-socjeta' Newco Steel Limited (C-11310) ghandu jithassar mir-Registru tal-Kumpanniji ghal hames snin mis-26 ta' Novembru 2024;

iii. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex minnufih jibghat kopja ta' tali ordni lir-Registratur tal-Kumpanniji ghar-registrazzjoni tal-istess ordni ta' differiment tad-data, u dan ai termini tal-Artikolu 275 (2) tal-Att dwar il-Kumpanniji (Kapitolu 386 tal-Ligijiet ta' Malta);

iv. Tordna lir-Registratur tal-Kumpanniji sabiex jiddiferixxi I-applikazzioni tad-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 275(1) tal-Att dwar il-Kumpanniji (Kapitolu 386 tal- Ligijiet ta' Malta) fir-rigward tal-kumpannija Newco Steel Limited (C-11310), ossia billi jiddiferixxi t-thassir tal-isem ta' l-istess socjeta' mir-Registru tal-Kumpanniji ghal dak iz-zmien hekk akkordat minn din l-Onorabbli Qorti;

Spejjez ghar-rikorrenti.

Ir-Rikors gie deciz.

Amanda Cassar
Deputat Registratur